# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag.Jur. (Euro. Law)

***Drogi 258/01***

***Pulizija***
***Spettur Sandro Gatt***
***vs***
***Sue (Suzanne) sive Susan Blackman***

Illum 05 ta' Frar 2002.

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputata hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess illegali tad-droga eroina**.

Illi l-imputata ammettiet l-akkuza dedotta kontra taghha, u ghaldaqstant din tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali taghha, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputata taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghall-perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza ai termini tar-reat ir-regolament 8 tal- GN 292/39 ;  izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputata taht ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon ghal zmien sentejn*** bil-obbligu li l-istess imputata toqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma' dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess a tenur ta' l-Art. 5 tal-Kapitlu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputata f' termini cari s-sinifikat ta' l-imsemmi provvediment.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***